L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: 28 ta' Novembru, 2003

## Mr Taxman

L-iskop tat-taxxi huwa nobbli. Li wiehed jigbor it-taxxi mingahnd kulhadd biex jghin lill-batut jien insejjahlu skop nobbli. U fil-fatt dak li huwa l-'welfare state' – li kulhadd ikun obbligat jitfa' xi haga fis-sasla tal-Gvern halli jgawdi kulhadd minnha.

Però donnu li f'dan il-pajjiz dan l-iskop nobbli tat-taxxi qed idur fi skop inqas nobbli (halli nkunu qeghdin inkomplu fuq it-teorija tal-PM ta' kwalitajiet tajba u kwalitajiet inqas tajba). Minn nhar it-Tnejn li ghaddew donnu dahalli fellus f'mohhi li l-iskop tat-taxxi f'dan il-pajjiz qed jinbidel 'skond ic-cirkostanzi'. Donni hadt l-impressjoni li flok tigbor il-ftit minn fuq kulhadd halli jgawdi l-batut, it-taxxi li qeghdin inhallsu ahna saru jfissru pjuttost li tigbor il-ftit minn fuq kulhadd halli jpatti ta' l-izbalji tal-ftit!

Kaz li l-Ministru John Dalli emfasizzah ghal darba darbtejn tlieta huwa, per ezempju dak ta' l-Isptar Mater Dei. Il-Ministru John Dalli jrid jiggustifika l-fatt li l-previzjoni fin-nefqa ghal dan l-isptar dejjem tkun zbaljata bil-kbir ghax grat sena wara sena wara sena. Jigifieri, skond hu, jekk zbalja tliet darbiet wara xulxin, flok l-izball isisr zball ikbar jew min jaghmel l-izball jiehu tliet kwalifiki ta' injorant – kontra – jekk l-izball sar tliet darbiet ma jibqax zball. Ghogobni l-mod kif jirraguna John Dalli. Jekk s'issa ghandna Malti li holoq it-teorija tal-'lateral thing-king' zgur li se jkun John Dalli li johloq it-teorija tar-'reverse thinking'!

Però l-kaz ta' l-isptar huwa ezempju validu ta' kif il-poplu qed jaqsam bejnietu l-izbalji finanzjarji tal-Ministru John Dalli u ministry ohra nvoluti. Il-ministri jizbaljaw u jifirxu l-izball taghhom fuq 350,000 ruh jew aktar halli ma jidhirx. Ifakkarni hafna f'meta mort niekol mal-hbieb u qsamna l-kont ta' kulhadd. Donnu li kull meta tittiehed id-decizjoni li jinqasam il-kont skond kemm ikun hemm nies, kulhadd jispicca jhallas id-doppju ta' li suppost.

Prababbilment ghax ikun hemm min, jaf jew ma jafx li haddiehor ha jhallas porzjon mill-kont tieghu, jispicca jonfoq izzejjed tant li haddiehor iqarras wiccu meta jinduna kemm qed ihallas zejjed ghan-naqra li jkun kiel jew xorob.

Izda jekk dan jigri fuq mejda t'ghaxra kulhadd jipprova jiskopri min kien dak li ha l-flixkun inbid jew l-erbgha whisky zejda biex jisqi lil haddiehor minn fuq dahar shabu u jhossu veru konxju ghal dak li jipprova japprofitta ruhu mill-fatt li ghal li se jixrob jew jiekol hu se jpatti l-kont ta' haddiehor. Issa John Dalli haddem rasu f'dan is-sens. Il-mejda li ntefa' jixxala u jizzamel fuqha fiha 350,000 ruh. Allura serrah li kull zball finanzjarju li jaghmel jinqasam bejn il-poplazzjoni kollha ta' dan il-pajjiz halli ma nindunawx li qeghdin inhallsu ghalih ahna.

Problema wahda ghandi. Qed nipprova nifhem kemm hu kbir l-izball ta' John Dalli. Ghax, jekk wiehed jikkunsidra, ghalih iridujaghmlu tajjeb 3% iktar, apparti l-15% digà ezistenti, fuq kull prodott u servizz li mhux ikel jew medicina, li jinxtara minn kull cittadin Malti kuljum u 20% iktar mill-pensjoni tal-popolazzjon anzjana (li bil-mod il-mod qieghda ssir il-maggoranza tal-popolazzjoni Maltija) li jghixu fid-djar ta' l-anzjani tal-Gvern. Jigifieri kull omm li tixtri ktieb lil binha se tikkontribwixxi ghall-izbalji ta' l-Onorevoli Ministru, kull missier li jixtri 'air conditioner' ghall-familja, kull guvni li jixtri karozza, kull mara tad-dar li tixtri forn (ghax dak ukoll sar lussu), kull

bajjad li jixtri pinzell (ghax dak ukoll sar lussu) u kull familja li tixtri telefon, sett tat-televizjoni jew nuccali tal-qari, kollha se jikkontribwixxu ghan-nuqqas ta' previzjoni ta' l-ghaziz Ministru.

U kif tafu intom, ma kinitx biss iz-zieda fil-VAT l-unika daqqa ta' harta li ha l-poplu Malti. U li jpoggi iktar melh fuq il-ferita jew feriti hu li mkien m'hemm xi ncentiv ghall-industrija biex tirnexxi aktar u biex jigi attirat investiment barrani lejn pajjizna kif intqal minn min jaf kemm korpi kostitwiti u ghaqdiet.

Li ma nistax nifhem ukoll hu kif bniedem li qed jiftahar b'tant fervor li mar zmerc fil-kalkoli tieghu ghal sena wara sena qed jitlobna biex nemmnuh issa dwar x'qed jghid. Jiddispjacini ghal dawk li ghadhom jemmnu cajt bhal dan – veru jiddispjacini. Però hawn min veru jabbuza mill-fiducja tal-poplu genwin taghna biex jerga' jitlobna noqoghdu fuq il-kelma jew kalkolu wiehed milli jghid!

Però skond l-Onor. Dalli, l-aqwa decizjonijiet li setghu jittiehdu fic-cirkostanzi. Fil-fatt il-'bookmakers' qeghdin ibassru li s-Sur John Dalli se jaqlibha lil Karl Marx bhala l-aqwa mohh ekonomiku tas-seklu u hafna qeghdin ibassru li l-sitess loghob li qed jintlaghab fuq dan se jerga' jbidderl l-ekonomija tal-pajjiz bhlama ghamlu s-SARS, l-attakki tal-11 ta' Settembru, il-gwerra ta' l-Afganistan u ta' l-Iraq li donnhom hezzew lill-ekonomija Mlatija biss u lill-ebda ekonomija ohra.

Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq: lornav@onvol.net